**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Edgar Bonnici Cachia

*versus*

L-Avukat Dottor Eric Mamo *noe*

**Sentenza - Esekuzzjoni**

*Għall-fini ta' esekuzzjoni ta' sentenza l-importanti huwa li din tkun eżerċitata entro tliet (illum ħames) snin minn meta s-sentenza saret titolu esekuttiv u dan bl-otteniment ta' wieħed minn dawk l-atti elenkati mil-liġi. Ġaladarba ġie ottenut mandat ta' qbid esekuttiv allura l-*iter *għall-fini ta' esekuzzjoni nbeda u jekk għal xi raġuni l-konkluzjoni effettiva ta' dawn il-proċeduri esekuttivi teċċedi t-tliet (illum ħames) snin ma jfissirx b'daqshekk li l-eżekutant jispiċċalu d-dritt u li jrid jintavola taħrika ġdida (illum rikors).*

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni tiegħu l-attur ippremetta illi:

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Kmmerċ fit-3 ta' Marzu, 1993 fuq rikors tal-konvenut ġie ffissat il-jum ta' l-4 ta' Ġunju, 1993 mid-9.00 sa nofs in-nhar għall-bejgħ ta' irkant li kien ġie

ordnat b'digriet preċedenti fil-fond numru 2 Frida Flats, Triq in-Naxxar, Birkirkara ta' l-oġġetti indikati fil-kopja ta' l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern tas-26 ta' Marzu, 1993 li hija esebita u mmarkata Dok. A, liema oġġetti proprjetà ta' l-attur ġew maqbuda bil-mandat ta' qbid numru 1321/90;

U peress li dan il-mandat sar in forza ta' sentenza li għaddew aktar minn tliet snin minnha (infatti ġiet mogħtija fl-14 ta' Novembru, 1988) tant hu hekk li l-istess attur *nomine* qed jistitwixxi kawża oħra li hija pendenti quddiem dik il-Qorti (dak in-nhar differita għall-10 ta' Ġunju, 1993) u kwindi kontra l-artikolu 258 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Talab għalhekk illi din l-Onorabbli Qorti:

Tirrevoka d-digriet tagħha fuq imsemmi tat-3 ta' Marzu, 1993 u tiddikjara l-atti kollha tas-subbasta relattivi li jġibu n-numru 287/91 bla effett stante li għaddew aktar minn tliet snin minn meta s-sentenza in kwistjoni setgħet tiġi esegwita;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut inġunt għas-subizzjoni;

Il-konvenut eċċepixxa li t-talbiet ta' l-attur kienu infondati fil-fatt u fid-dritt;

Il-Qorti tal-Kummerċ permezz ta' sentenza mogħtija fit-28 ta' Ottubru, 1993 ċaħdet it-talbiet ta' l-esponent bl-ispejjeż;

L-attur ħass ruħu aggravat bis-sentenza u permezz ta' nota ppreżentata fil-5 ta' Novembru, 1993 interpona umili appell quddiem dina l-Qorti fuq l-aggravju segwenti;

Illi l-Qorti tal-Kummerċ waslet għall-konklużjoni li t-

talbiet ta' l-attur għandhom jiġu miċħuda għaliex ir-rikors li ta bidu għall-proċeduri tal-bejgħ in subbasta sar fl-1991 u kwindi entro t-tliet snin mid-data tas-sentenza in kwistjoni. Mill-banda l-oħra skartat għal kollox il-fatt li r-rikors li qed jiġi attakkat sar fl-1993 u infatti ġie ddekretat f'Marzu ta' l-istess sena, kwindi ferm oltre l-perijodu limitattiv impost mill-artikolu 258 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

*Omissis*;

L-appellat wieġeb hekk fil-meritu;

Is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma u li din l-Onorabbli Qorti m'għandu jirriżultalha xejn determinanti li jġiegħlha tiddisturba l-apprezzament tal-punti ta' fatt u ta' dritt li sar mill-Ewwel Qorti;

*Omissis*;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell, din il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Huwa paċifiku li l-meritu ta' dan l-appell jinkwadra ruħu fid-disposizzjonijiet tat-Titolu VII, it-Tieni Ktieb, Taqsima I, artikoli 252-395 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jittratta proprju fuq l-Esekuzzjoni tas-sentenzi u ta' Titoli Esekuttivi oħra. Skond l-artikolu 258 tal-Kap. 12, sentenza tista' tiġi esegwita fi żmien ħames snin. Qabel l-emendi fil-liġi tal-proċedura introdotti fl-1995, dan il-perijodu kien iqsar, jiġifieri wieħed ta' tliet snin. Wara l-għeluq ta' tliet snin (il-perijodu antik qabel ma ġiet emendata l-liġi), l-esekuzzjoni setgħet issir biss wara talba *ad hoc* magħmula b'ċitazzjoni;

L-argument ta' l-appellant huwa dan: stante li bejn id-data li fiha nghatat is-sentenza esekuttiva u d-digriet li jawtorizza l-bejgh bis-subbasta ta' l-oġġetti maqbuda bil-mandat lahqu ghaddew tliet snin, allura jfisser li s-sentenza ma baqghetx aktar esegwibbli imma htiġilha ssir il-proċedura ddettata mil-liġi stess;

Il-meritu kollu ta' l-appell huwa mela x'ghandu jinftiehem bil-kliem "seta' ġie esegwit" msemmijin fil-liġi (artikolu 256) b'riferenza ghat-titolu esekuttiv. L-artikolu 273 tal-Kap. 12 jaghti din ir-risposta in kwantu jelenka proprju dawk l-atti illi bihom, skond ma jkun il-każ, tista' ssir l-esekuzzjoni tat-titoli esekuttivi msemmijin fl-artikolu 253. Fil-fatt l-ewwel fost dawn l-atti nsibu l-mandat ta' qbid ta' hwejjeġ mobbli u fit-tieni lok il-bejgh fl-irkant bil-Qorti ta' hwejjeġ mobbli jew immobbli jew ta' jeddijiet imghaqqdin ma' immobbli u dawn l-atti jinharġu mill-Qorti fuq talba ta' l-esekutant (artikolu 274). Huwa mela ovvju li ghall-fini ta' esekuzzjoni, l-importanti huwa li din tkun ġiet eżerċitata entro tliet snin (illum hames snin) minn meta s-sentenza saret titolu esekuttiv u dan bl-otteniment ta' wiehed minn dawk l-atti elenkati mil-liġi. Ġaladarba ġie ottenut mandat ta' qbid esekuttiv allura l-*iter* ghall-fini ta' esekuzzjoni nbeda u jekk ghal xi raġuni l-konklużjoni effettiva ta' dawn il-proċeduri esekuttivi teċċedi t-tliet snin (illum hamsa) ma jfissirx b'daqshekk li l-esekutant jispiċċalu d-dritt u li jrid jintavola tahrika ġdida (illum rikors). Fi kliem il-liġi stess, l-esekuzzjoni tat-titoli eskuttivi, bhalma hija s-sentenza moghtija kontra l-appellant konvenut ad istanza ta' l-appellat, titqies li ssir permezz ta' wiehed mill-atti indikati fl-artikolu 273 tal-Kap. 12 surreferit u mill-atti proċesswali jirriżulta kjarament li dan huwa proprju dak li ghamel l-appellat. Una volta li dawn l-atti esekuttivi da parti ta' l-esekutant, l-odjern appellat, ittiehdu entro ż-żmien ċitat mil-liġi, allura ghandu jirriżulta li l-aggravju ta' l-appellant huwa wiehed infondat;

L-appellant ma jikkontestax il-fatt li l-mandat ta' qbid esekuttiv sar entro t-tliet snin minn meta ngħatat is-sentenza *de quo* u ċjoè l-14 ta' Novembru, 1988. Jekk l-appellant jippretendi li l-mandat ta' qbid ma jammontax għall-esekuzzjoni tas-sentenza allura huwa legalment skorrett. Id-digriet ulterjuri ottenut mill-appellat biex jipproċedi għas-subbasta huwa kontinwazzjoni ta' dina l-esekuzzjoni mibdija fl-1990 entro sentejn mis-sentenza. Kif allura ġustament irriteniet l-Ewwel *Qorti*:

"... il-mandat ta' qbid li beda l-proċedura għas-subbasta, jiġifieri t-talba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, saret bil-mandat ta' qbid numru 1321/90 a bażi ta' sentenza li ngħatat fl-14 ta' Novembru, 1988. *Huwa ċar għalhekk illi m'għaddewx tliet snin* bejn id-data tas-sentenza - id-data tal-talba ta' l-esekuzzjoni";

Kjarament jidher li l-appell intavolat huwa infondat fil-fatt u fid-dritt;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-28 ta' Ottubru, 1993 tiċħad *l-appell ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.*